

- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda preċedenti, il-prinċipju ta' ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tqis li ż-żewġ sitwazzjonijiet, dik tal-kuntratt tax-xogħol għal żmien determinat mal-amministrazzjoni u dik tal-persunal kuntrattwali temporanju awżiljarju, huma simili fil-każ ta' abbuż tal-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, jew inkella, minbarra l-identità tal-persuna li timpjega, l-identità jew ix-xebh tas-servizzi pprovduti u t-tul ta' żmien determinat tal-kuntratt tax-xogħol, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni elementi oħra meta tevalwa x-xebh, bħal pereżempju, in-natura speċifika tar-relazzjoni tax-xogħol jew kuntrattwali tal-impjegat jew is-setgħa tal-amministrazzjoni li torganizza lilha nnifisha, li jiġġustifikaw trattament differenzjat taż-żewġ sitwazzjonijiet?

<sup>(1)</sup> Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-24 ta' April 2015 –  
T. D. Rease u P. Wullems vs College bescherming persoonsgegevens**

(Kawża C-192/15)

(2015/C 236/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: T. D. Rease, P. Wullems

Konvenuta: College bescherming persoonsgegevens

**Domandi preliminari**

- 1) Struzzjoni biex jintuża tagħmir għall-ipproċessar ta' data personali fit-territorju ta' Stat Membru, maħruġa barra mill-UE minn kontrollur, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), lil aġenzija ditekktiv stabbilita fl-UE, taqa' taħt il-kunċett ta' "jsir użu minn tagħmir" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(ċ) ta' dik id-direttiva?
- 2) Id-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 28(3) u (4) tagħha, minħabba l-għan ta' dik id-direttiva, tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali l-latitudni, fl-inforzar tal-protezzjoni ta' individwi mill-awtoritajiet ta' superviżjoni pprovduta f'dik id-direttiva, li jistabbilixxu prijoritajiet li jirriżultaw f'tali inforzar li ma jseħħx fil-każ fejn individwu jew grupp żgħir ta' persuni biss jissottometti lment li jallega ksur ta' dik id-direttiva?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad  
Autónoma del País Vasco (Spanja) fid-29 ta' April 2015 – Juan Carlos Castrejana López vs  
Ayuntamiento de Vitoria**

(Kawża C-197/15)

(2015/C 236/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Autónoma del País Vasco